

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 106/2010

tal-1 ta' Ottubru 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1163/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni aċċelerata tar-rekwiżiti tad-disinn b'żewġt ibwieq jew teknoloġiji ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/491/KE tas-16 ta' Ġunju 2009 dwar kriterji li għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi deċiż meta l-prestazzjoni ta' organizzazzjoni li taġixxi fisem l-istat tal-bandiera tista' titqies bħala theddida inaċċettabbli għas-sigurtà u l-ambjent <sup>(3)</sup> trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 56m (ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32009 R 1163**: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1163/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 314, 1.12.2009, p. 13).”

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 55b (id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE):

“55ba. **32009 D 0491**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/491/KE tas-16 ta' Ġunju 2009 dwar kriterji li għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi deċiż meta l-prestazzjoni ta' organizzazzjoni li taġixxi fisem l-istat tal-bandiera tista' titqies bħala theddida inaċċettabbli għas-sigurtà u l-ambjent (OJ L 162, 25.6.2009, p. 6).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1163/2009 u d-Deċiżjoni 2009/491/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Novembru 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESON

<sup>(1)</sup> ĠU L 277, 21.10.2010, p. 43.

<sup>(2)</sup> ĠU L 314, 1.12.2009, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 162, 25.6.2009, p. 6.

(\*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.